MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tas-17 ta' Frar, 2011

Numru 1083/10

**PULIZIJA**
**SPETTUR ELTON TALIANA**
**VS**
**ROBERTO CARUANA**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Roberto Caruana ta` 28 sena mwieled Pieta`, nhar l-4 ta` Mejju, 1982 bin Carmelo u Carmela nee` Farrugia residenti Flat 9, Zimilli, dawret il-gzejjer, Bugibba. Detentur tal-Karta ta` l-identita` Nru 25782(M).

Illi huwa akkuzat:

1. Fit-28 ta` Lulju, 2010 u fil-granet ta` qabel gewwa t-Torri ta` l-Ghallis f`Bahar ic-Caghaq u fi nhawi ohra f`dawn il-gzejjer bil-hsieb li jikseb ghalih innifsu jew ghal haddiehor il-hlas ta` flus ta` sigurta` kontra r-riskji, jew xi

qligh iehor mhux misthoqq, iddistrugga, xerred ‘l hawn u ‘l hemm jew gharraq b`xi mezz li jkun, hwejjeg tieghu u cioe` vettura ta` l-ghamra Peugeot 307 bin-numru ta` registrazzjoni GBB 984.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Semghet l-ammissjoni ta` l-imputat fil-verbal datat 17 ta` Frar, 2011 (fol. 24);

Semghet il-konferma ta` l-istess ammissjoni wara li l-Qorti akkordat lill-imputat zmien ragonevoli ghal ripensament;

Semghet trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat;

Illi fuq l-istess ammissjoni tieghu, l-Qorti ssib lill-imputat **Roberto Caruana** hati ta` l-akkuza migjuba kontra tieghu u wara li rat l-Artikolu 295 Kap. 9 tal-Ligijiet ta` Malta u Artikolu 7 tal-Kap. 446 tqieghedu taht Ordni ta` Probation taht is-sorveljanza tad-Direttur tal-Probabtion Services jew Probation officer iehor minnu nominat.

Din il-piena tieghi akkordata in vista ta` l-ammissjoni bikrija ta` l-imputat, l-eta` govanili tieghu u l-fatt li ghandu fedina penali nadifa. Il-Qorti tordna illi kopja ta` din is-sentenza tigi kkommunikata lid-Direttur tal-Probation Services.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------